**A.L. 272 tal-2008**

## ATT DWAR IL-KONTROLL TAL-PESTIĊIDI (KAP. 430)

### Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bijoċidi (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4 u 5 ta' l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara li kkonsulta lill-Prim Ministru u lill-Ministru għall-Politika Soċjali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bijoċidi (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Bijoċidi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 294 tal-2004.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jitrassponu d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/69/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li temenda d-Direttiva 98/8/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex *difethialone* tiġi inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva u biex tiġi trasposta d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/70/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġi inkluż d-dijossidu tal-karbonju bħala sustanza attiva fl-Anness IA mad-Direttiva.

Bidu fis-seħħ.

(3) Dawn ir- regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru, 2009.

Jemenda Skeda III li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**2.** Skeda III li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendatat kif ġej:-

(a) minnufih wara l-kliem "SKEDA III" għandhom jidħlu l-kliem "Parti 1";

(b) minnufih wara l-partita 2 għandha tiżdied din il-partita ġdida li ġejja:

**Skeda III**

| No | Common Name | Inclusion Directive | Date for implementation |
| --- | --- | --- | --- |
| "3 | Difethialone | Directive 2007/69/EC | 1 November 2009"; u |

(ċ) minnufih wara Parti 1 fi Skeda III kif enumerat mill-ġdid tar-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied din il-Parti ġdida li ġejja:-

**"Parti 1A**

| Nru | Isem Komuni | Direttiva ta' Inklużjoni | Data tal-implimentazzjoni |
| --- | --- | --- | --- |
| 1 | Dijossidu tal-Karbonju | Direttiva 2007/70/KE | 1 ta' Novembru 2009". |

**L.N. 272 of 2008**

**PESTICIDES CONTROL ACT**
**(CAP. 430)**

**Biocides (Amendment) (No. 2) Regulations, 2008**

IN exercise of the powers conferred by articles 4 and 5 of the Pesticides Control Act, the Minister for Resources and Rural Affairs, in consultation with the Prime Minister and with the Minister for Social Policy, has made the following regulations:-

**1.** (1) The title of these regulations is the Biocides (Amendment) (No. 2) Regulations, 2008 and they shall be read and construed as one with Biocides Regulations, 2004, hereinafter referred to as "the principal regulations". Title and scope. L.N. 294 of 2004.

(2) The scope of these regulations is to transpose Commission Directive 2007/69/EC of 29 November 2007 amending Directive 98/8/EC of the European Parliament and of the Council to include difethialone as an active substance in Annex I thereto and to transpose Commission Directive 2007/70/EC of 29 November 2007 amending Directive 98/8/EC of the European Parliament and of the Council to include carbon dioxides as an active substance in Annex IA thereto.

(3) These regulations shall enter into force on 1st November, 2009. Commencement.

**2.** Schedule III to the principal regulations shall be amended as follows:- Amends Schedule III to the principal regulations.

(a) immediately after the words "SCHEDULE III" there shall be inserted the words "Part 1";

(b) immediately after item 2 there shall be added the following new item:-

**Schedule III**

| No | Common Name | Inclusion Directive | Date of implementation (*) |
|---|---|---|---|
| "3 | Difethialone | Commission Directive 2007/69/EC | 1 November 2009"; and |

(c) immediately after Part 1 in Schedule III as renumbered in the principal regulations, there shall be added the following new Part:-

**“Part IA**

| No | Common Name | Inclusion Directive | Date of implementation |
|---|---|---|---|
| 1 | Carbon Dioxide | Commission Directive 2007/70/EC | 1 November 2009”. |

Ippubblikat mid-Dipartiment ta’ l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz/*Price*
€0.19